*rajt li sar il-ħin,*
*għedtlek saħħa bla saħħa,*
*ħriġt, u ma għalaqtx il-bieb 'warajja.*

*Hekk spiċċajna jien u int,*
*min jaf kemm bħalna?*
*Raddejt salib fi knisja l-għada,*
*u mar-radda,*
*Ħabt lil Ġesù*
*jixxotta l-għaraq ta' fuq moħħi,*
*iwaqqaf il-brim fi ħxejja,*
*u sakemm missejt spalli,*
*ħassejt il-madmad tiegħu kollu,*
*għafast idejja,*
*flimkien,*
*u tennejt talbi.*
*Ħallihom jiġbdu!*

Ġ. MIFSUD BONNICI.

Bormla, Mejju-Diċembru 1949.

---

## ETERNITA'.

*L-arloġġ imqabbad lejl u nhar mal-grabja*
*ta' Bir l-Eternità, u qatt għajjien*
*jimla kull kwarta satal ilma u jitfgħu*
*bid-daqq tal-qniepen ġewwa l-wied taż-żmien.*

*U l-wied taż-żmien għaddej ikarkar miegħu*
*il-ġrajja tal-istorja: Atene u Ruma,*
*in-Nil u Babel, Alamejn u Tokjo:*
*dgħajjes tal-karta mill-kurrent maħkuma.*

*Bil-lejl, bi nhar, l-arloġġ jerfa' bis-satal;*
*'mma Bir l-Eternità ma jinxef qatt;*
*u l-arloġġ jixbaħ lil dak l-anġlu ċkejken*
*li deher lil Sant Wistin ma' ġenb ix-xatt.*